PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 28

It-Tlieta, 27 t'Ottubru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

LIĊENZJI GĦALL-KAĊĊA VALIDI

300. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra n-numru totali ta' persuni li għandhom liċenzja għall-kaċċa valida bħalissa?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li n-numru ta' liċenzji tal-kaċċa validi attwalment huwa kif ġej:

Kaċċa għall-għasafar minn fuq l-art – 9,004

Kaċċa għall-għasafar minn fuq il-baħar - 293

Kaċċa għall-fenek selvaġġ – 3,148

Għalkemm it-total ta' liċenzji ġenerali jammonta għal 12,445, l-ammont ta' kaċċaturi huwa inqas għaliex kaċċatur jista' jkollu aktar minn liċenzja ġenerali waħda

Seduta Numru 28
27/10/2026

LIĊENZJI GĦALL-KAĊĊA

301. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm mil-liċenzji għall-kaċċa nħarġu lil:
i. first-time applicants;
ii. persuni li ġeddew il-liċenzja;
iii. ċittadini Maltin; u
iv. ċittadini barranin residenti Malta
matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li hawn taħt għandu jsib l-istatistika mitluba għax-xhur ta' Frar, Marzu, April u Mejju 2026:

Kategorija	Numru
First time applicants	47
Persuni li ġeddew il-liċenzja	9,418
Ċittadini Maltin	9,417
Ċittadini barranin residenti f'Malta	1

Seduta Numru 28
27/10/2026

LIĊENZJI GĦALL-KAĊĊA

302. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għal-liċenzja għall-kaċċa ġiet:
i. approvata;
ii. rifjutata;
iii. jew għadha pendenti
matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li matul il-perjodu inkwistjoni ġew riferuti - mill-Uffiċċju tal-Armi tal-Pulizija - 47 persuna biex jagħmlu l-eżamijiet tal-kaċċa; 23 għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art, wieħed għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq il-baħar, u 23 għall-kaċċa tal-fenek selvaġġ. Dawn il-persuni poġġew għall-eżamijiet rispettivi. 18 għaddew mill-eżami filwaqt li 29 ma għaddewx jew m' attendewx għall-eżami u se jiġu msejħa sabiex jerġgħu jagħmlu r-resit tal-eżami mas-seduta li jmiss. Il-vetting tal-applikanti jsir mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta u l-persuni kollha approvati mill-Pulizija jiġu msejħa sabiex jagħmlu l-eżami mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU).

Seduta Numru 28
27/10/2026

ĦRUĠ/TIĠDID TA' LIĊENZJI GĦALL-KAĊĊA – KRITERJI

303. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid xi kriterji qegħdin jintużaw bħalissa għall-ħruġ jew tiġdid ta' liċenzji għall-kaċċa?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li biex tiġġedded il-liċenzja ġenerali għall-kaċċa li tkun se tiskadi, huwa meħtieġ li wieħed ikollu l-liċenzja valida (li mhix sospiża jew revokata), jħallas il-ħlas dovut bil-liġi, jkollu s-sħubija ma' organizzazzjoni li tirrappreżenta persuni liċenzjati għall-kaċċa - li tinkludi polza ta' assigurazzjoni li tkopri ħsara lil terzi jew lill-proprjetà tagħhom - kif ukoll il-liċenzji maħruġa mill-Pulizija, imġedda għal dik is-sena. Fir-rigward tal-liċenzji ġodda tal-kaċċa, il-vetting ta' min ikun eliġibbli biex ipoġġi għall-eżami jsir mill-Pulizija. Ladarba dawk approvati mill-Pulizija jgħaddu mill-eżami organizzat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU), il-liċenzja rispettiva tinħareġ biss wara li jitħallas il-ħlas dovut bil-liġi, tiġi ppreżentata prova ta' sħubija ma' organizzazzjoni li tirrappreżenta persuni liċenzjati għall-kaċċa, li tinkludi polza ta' assigurazzjoni li tkopri ħsara lil terzi jew lill-proprjetà tagħhom, kif ukoll prova li jkunu tħallsu l-liċenzji tal-Pulizija għall-ġarr tal-armi, imġedda għal dik is-sena.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ĦRUĠ TA' LIĊENZJI GĦALL-KAĊĊA

304. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx xi bidla fil-policy jew fil-proċeduri relatati mal-ħruġ tal-liċenzji għall-kaċċa matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li matul il-perjodu indikat, ma sar l-ebda tibdil fil-policy jew proċeduri li jirregolaw il-ħruġ tal-liċenzji tal-kaċċa. Il-liċenzji baqgħu jinħarġu skont il-proċeduri u r-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

Seduta Numru 28
27/10/2026

KAĊĊA – ĊIRKULARI JEW POLICY GUIDANCE

305. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ċirkulari jew policy guidance maħruġa dwar il-kaċċa fi Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) toħroġ gwidi u informazzjoni relatati mal-kaċċa. Dawn ġew jiġu ppubblikati u huma aċċessibbli mis-sit elettroniku tal-WBRU: https://wbru.gov.mt/rizorsi/informazzjoni/

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1057. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 690 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

08/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1058. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 691 u tgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Tista' tgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

08/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-FINANZI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1059. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 692 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

08/07/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 975.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1060. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 693 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

08/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 975.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1438. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 694 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Mistoqsija Parlamentari numru 975.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1439. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 695 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 28
27/10/2026

FOSTER CARERS – DRITTIJIET U BENEFIĊĊJI

1975. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk foster carers li jilqgħu tarbija fil-familja tagħhom humiex intitolati għall-istess maternity leave, paternity leave, parental leave u benefiċċji soċjali oħra li jingħataw lill-ġenituri bijoloġiċi jew adottivi? Jekk le, jista' jgħid liema huma d-drittijiet u l-benefiċċji li huma intitolati għalihom?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lil Onor. Interpellanta li għalkemm Foster Carers m'humiex intitolati għall-istess Leave tal-Maternità jew Leave tal-Paternità, bħal ġenituri bijoloġiċi, Foster Parents huma intitolati għall-Leave tal-Ġenituri (Parental Leave) bl-istess mod bħal ġenituri bijolġiċi. Madanakollu, ġenituri li jiffosterjaw ulied jingħataw Foster Care Allowance li bħalissa u wara li ġie msaħħaħ matul l-aħħar snin, hija ta' €130 fil-ġimgħa għal kull wild iffosterjat. Din l-Allowance tibqa' titħallas sakemm it-tfal li jibqgħu fil-kura tal-fostering jagħlqu wieħed u għoxrin (21) sena.

Barra minn hekk, permezz ta' miżura ta' Budget reċenti, jekk il-ġenituri li jiffosterjaw, jaddottaw lit-tfal iffosterjati, l-Allowance tal-Fostering flok tieqaf mill-ewwel tibda tingħata bi tnaqqis gradwali sa perjodu ta' 4 snin wara li t-tfal jiġu adottati mill-istess ġenituri li qabel kienu jiffosterjawhom jew sakemm tali tfal jagħlqu wieħed u għoxrin (21) sena, skont liema jseħħ l-ewwel.

Seduta Numru 28
27/10/2026

FOSTERING – APPLIKAZZJONIJIET

1976. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati applikazzjonijiet għall-fostering u kemm ġew miċħuda mill-2015 sal-aħħar data disponibbli, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: It-tagħrif mitlub mill-Onor. Interpellanta, huwa kif muri fit-tabella t'hawn taħt:

APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-*FOSTERING (Familji)* 2015 – 2026

Sena	APPROVATI	MIĊĦUDA
2015	40	6
2016	13	0
2017	16	0
2018	32	2
2019	21	3
2020	28	1
2021	23	3
2022	18	2

2023	20	1
2024	14	1
2025	27*	2
2026	9	0

* *Dawn jinkludu*:
v *Familja waħda li eventwalment kompliet bil-proċess wara appell,*
v *Familja waħda li ċ-ċirkostanzi tagħha nbidlu u eventwalment kompliet bil-proċess,*
v *Familja waħda li reġgħet ġiet approvata wara l-appell.*

Seduta Numru 28
27/10/2026

ADOZZJONIJIET LOKALI

1977. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru adozzjonijiet lokali mill-2015 sal-aħħar data disponibbli, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, f'każ ta' adozzjonijiet lokali fejn persuna tadotta t-tfal tas-sieħeb jew sieħba tagħha, l-Awtorità Ċentrali ma jkollhiex din it-tip ta' informazzjoni. L-Awtorità Ċentrali hija involuta f'każijiet ta' adozzjonijiet internazzjonali u transkonfinali. Għaldaqstant, kwalunkwe data relatata ma' adozzjonijiet lokali ta' din in-natura tkun miżmuma mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ADOZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

1978. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru adozzjonijiet internazzjonali mill-2015 sal-aħħar data disponibbli, maqsuma sena b'sena u jippreżenta tabella li turi minn liema pajjiżi saru dawn l-adozzjonijiet, bin-numru ta' adozzjonijiet għal kull pajjiż u għal kull sena?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor.Interpellanti li l-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella hawn taħt:

Adozzjonijiet internazzjonali mill-2015 maqsuma sena b'sena u minn liema pajjiż [1]

State	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2024	2025	2026	Total
Bulgaria	-	-	-	-	-	-	3	-	-	-	1	3	7
Colombia	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-	3	-	3
India	-	1	14	34	25	6	10	21	33	14	3	7	168
Portugal	-	-	4	6	1	2	1	11	3	-	1	-	29
Romania	-	-	-	-	-	-	-	-	1	-	-	-	1
Russia	4	3	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-	7
Slovakia	-	-	1	-	4	-	-	-	1	1	-	-	7

[1] Jista' jkun hemm diskrepanzi fl-istatistika tal-adozzjonijiet internazzjonali li saru qabel l-2022 minħabba nuqqas ta' informazzjoni u l-istatiska bdiet tinżamm b'mod iktar rigoruż mill-2022 'l quddiem. Din l-istatistika tkopri sa **23/10/2026**.

Seduta Numru 28
27/10/2026

PERSUNI JEW KOPPJI ELIĠIBBLI GĦALL-ADOZZJONI – KRITERJI

1979. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li persuna jew koppja trid tissodisfa sabiex tkun eliġibbli għall-adozzjoni?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li Skont Artiklu 115(1) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta), il-kriterji li persuna jew koppja trid tissodisfa sabiex tkun eliġibbli għall-adozzjoni huma li tal-inqas wieħed mir-rikorrenti

1. Ikun laħaq l-età ta' 28 sena
2. Ikun mill-inqas 21 sena akbar mill-persuna li ser tiġi addottata, iżda mhux iktar minn 50 sena akbar mill-persuna li se tiġi addottata.

Seduta Numru 28
27/10/2026

PERSUNI JEW KOPPJI LI JAPPLIKAW GĦALL-ADOZZJONI – TAĦRIĠ/SESSJONIJIET TA' PREPARAZZJONI

1980. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuni jew koppji li japplikaw għall-adozzjoni humiex meħtieġa jattendu taħriġ jew sessjonijiet ta' preparazzjoni? Jekk iva, jista' jgħid x'jinkludu dawn is-sessjonijiet u kemm idumu?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-Artiklu 22(1)(c) tal-Kapitlu 495 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-aġenziji jew direttorati akkreditati għall-adozzjoni huma legalment responsabbli biex jipprovdu taħriġ lill-persuni li jkunu jixtiequ jadottaw.

Għaldaqstant, is-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (DAC) tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), jipprovdi kors magħmul minn sitt sessjonijiet, b'kull sessjoni ddum madwar tliet sigħat. Is-sessjonijiet isiru fiżikament u fi gruppi.

Il-kors jkopri diversi suġġetti, fosthom introduzzjoni għall-adozzjoni, li tagħti ħarsa ġenerali lejn l-adozzjoni u lejn il-pajjiżi li magħhom Malta għandha akkreditazzjoni; ir-rabta emozzjonali u t-trawma li jistgħu jgħaddu minnha t-tfal li jiġu addottati; it-trobbija terapewtika; u l-addattament għall-ħajja l-ġdida.

Seduta Numru 28
27/10/2026

TCNS – KUNDIZZJONIJIET TA' AKKOMODAZZJONI

2189. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kif qed jindirizza l-isfruttament ta' TCNs li jaqsmu l-kamra mikrija ma' bosta oħrajn u saħansitra każijiet fejn TCNs jikru s-sodda għal 12-il siegħa?

24/07/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi It-Taqsima tal-Konformità fi ħdan l-Awtorità għall-Akkomodazzjoni Soċjali tinvestiga kull ilment li tirċievi billi twettaq verifiki fiżiċi mingħajr avviż minn qabel. Dawn isiru mingħajr distinzjoni abbażi tan-nazzjonalità tal-inkwilin. L-azzjoni sussegwenti tiddependi mir-riżultat tal-istess spezzjonijiet.

Seduta Numru 28
27/10/2026

STRATEĠIJA KONTRA L-ĦELA TAL-IKEL

2190. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm jintrema ikel kull sena? Jista' jgħid ukoll xi strateġija għandu l-Gvern biex minflok jintrema, jitqassam ma' min għandu l-iktar bżonn?

24/07/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Malta Food Agency qed tkompli twettaq miżuri konkreti biex tnaqqas il-ħela tal-ikel u tgħin sabiex ikel li għadu tajjeb għall-konsum jintuża b'mod effiċjenti għall-benefiċċju tas-soċjetà.

Sa mill-2021, l-Aġenzija ilha tiffaċilita d-distribuzzjoni ta' frott u ħaxix li jibqa' wara l-bejgħ mill-Pitkalija lil organizzazzjonijiet volontarji darbtejn fil-ġimgħa, biex dan l-ikel ma jintilifx u jasal għand dawk fil-bżonn.

Barra minn hekk, f'Marzu 2025, il-Malta Food Agency nediet l-inizjattiva Żomm! Tarmix, li tħeġġeġ u tiffaċilita d-donazzjoni ta' ikel żejjed minn negozji, produtturi u distributuri lil entitajiet volontarji u soċjali.

Dawn l-inizjattivi wasslu biex kwantitajiet sostanzjali ta' ikel li kieku kienu jintremew ġew irkuprati u mgħoddija għall-użu soċjali, filwaqt li kkontribwew kemm għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel kif ukoll għall-appoġġ lil persuni u familji vulnerabbli. Il-Malta Food Agency ser tkompli ssaħħaħ dawn l-isforzi bħala parti mill-impenn tagħha favur sistema tal-ikel aktar sostenibbli u effiċjenti.

Seduta Numru 28
27/10/2026

SKEMA 9 – STUDENTI

2191. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti fuq l-Iskema 9 bħalissa?

24/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat illi matul is-sena skolastika 2025-2026 kien hemm 2631 student li bbenefikaw minn skema 9.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MODERATING PANEL – LISTA TA' STENNIJA GĦALL-ASSESSJAR

2192. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal fuq il-lista ta' stennija biex jiġu assessjati mill-Moderating Panel sabiex jiġi ddeterminat jekk għandhomx bżonn LSE?

24/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat li dan hu proċess kontinwu u rigoruż, bħalma hu proċess kontinwu dak li jara li jkollna kemm jista' jkun riżorsi kif spjegat fi tweġiba parlamentari 3326.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MODERATING PANEL – LISTA TA' STENNIJA GĦALL-ASSESSJAR – ETÀ MEDJA

2193. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-età medja tat-tfal fuq il-lista għall-assessjar mill-Moderating Panel sabiex jiġi ddeterminat jekk għandhomx bżonn LSE?

24/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-assesjar isir skont il- ħtieġa u mhux skont l-eta'.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MODERATING PANEL – LISTA TA' STENNIJA GĦALL-ASSESSJAR – ĠENERU

2194. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid, f'numri u persentaġġi, kemm mit-tfal li bħalissa qegħdin fuq il-lista ta' stennija għall-assessjar mill-Moderating Panel biex jiġi ddeterminat jekk għandhomx bżonn LSE, huma bniet, subien jew ta' ġeneru ieħor?

24/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ingħatajt parir biex din l-informazzjoni ma tkunx publikata minħabba preġudizzji. Lill-Onorevoli membru nofrilha li ngħaddi din l-informazzjoni b'mod privat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2347. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 34-il proprjeta' hija b'kirja mingħand il-privat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2348. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tagħha li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: L-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-FINANZI – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2349. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fid-dekasteru li jien responsabbli minnu, hemm 49 il-propjeta li hija b kirja mingħand il-Gvern, inkluż il-binja tal-Ministeru, u 26 il-propjeta li hija b'kirja mingħand il-privat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2350. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor Interpellant illi fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm ħdax (11)-il proprjetà li hija b'kirja mingħand il-Gvern, inkluż il-binja tal-Ministeru, u tmienja u għoxrin (28)-il proprjetà li hija b'kirja mingħand il-privat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2351. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2352. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor Interpellant illi fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm żewġ propjetajiet li huma b'kirja mingħand il-Gvern, u seba' propjetajiet li huma b'kirja mingħand il-privat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

TRANSPORT MALTA – ĦADDIEMA IMPJEGATI

2408. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew impjegati ħaddiema ma' Transport Malta mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, direttament jew indirettament (ċjoè inkluż ma' kuntratturi), maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll minn liema lokalità ġew u f'liema grad u funzjoni ġew impjegati?

03/08/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MARSASKALA – SERVIZZ TAL-FERRY IL-ĠDID – STUDJI

2409. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx studju dwar l-impatt fuq il-parkeġġ fi Triq is-Salini, Marsaskala jekk, jew meta, jibda jaħdem is-servizz il-ġdid tal-ferry minn dik iż-żona? Jista' jgħid ukoll jekk sarx studju fuq l-impatt tat-tranja li l-ferry l-ġdid se jiġġenera u l-effett li din se jkollha fuq is-swimming zones fl-inħawi?

03/08/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant li dan is-servizz tal-ferry jibda jopera hekk kif Infrastructure Malta tlesti x-xogħlijiet infrastrutturali meħtieġa.

Seduta Numru 28
27/10/2026

RAĦAL ĠDID – PARK AND RIDE – ĦSARAT FIL-KAMERAS TAS-CCTV

2500. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid minn liema ġurnata l-kameras tas-CCTV fil-Park and Ride ta' Raħal Ġdid waqfu milli jiffunzjonaw? Jista' jgħid ukoll x'kienet ir-raġuni għaliex dawn il-kameras ma baqgħux operattivi, meta ġiet irrappurtata għall-ewwel darba din il-ħsara u għaliex is-sistema tħalliet mhux operattiva? Jista' jgħid ukoll min huwa responsabbli għall-operat u l-manutenzjoni ta' dawn il-kameras u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rekords tal-ħsarat u tal-manutenzjoni relatati mas-sistema tas-CCTV f'dan il-Park and Ride matul l-2025 u l-2026?

17/08/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kameras tas-CCTV fil-Park and Ride ta' Raħal Ġdid ma humiex operati jew miżmuma mill-Awtorità, li lanqas ma għandha aċċess għas-sistema, għall-filmati jew għar-rekords relattivi. Għaldaqstant, l-Awtorità ma għandhiex l-informazzjoni mitluba dwar l-operat, il-ħsarat jew il-manutenzjoni ta' dawn il-kameras.

Seduta Numru 28
27/10/2026

RAĦAL ĠDID – PARK AND RIDE – TABELLI TA' SORVELJANZA TAS-CCTV

2501. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fil-Park and Ride ta' Raħal Ġdid baqgħu esposti tabelli li jindikaw li ż-żona hija taħt sorveljanza tas-CCTV meta l-kameras ma kinux qed jiffunzjonaw? Jista' jgħid ukoll jekk il-Ministeru jew Transport Malta kinux konxji li dawn it-tabelli kienu għadhom esposti minkejja li s-sistema ma kinitx operattiva? Jista' jgħid ukoll jekk iqisx li dan seta' jagħti sens falz ta' sigurtà lill-persuni li jużaw il-faċilità u x'passi ttieħdu jew se jittieħdu sabiex dan ma jerġax iseħħ?

17/08/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 2500.

Seduta Numru 28
27/10/2026

RAĦAL ĠDID – PARK AND RIDE – INĊIDENT TA' ALLEGAT HIT-AND-RUN

2502. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għall-inċident ta' allegat hit-and-run li seħħ fil-Park and Ride ta' Raħal Ġdid fid-19 ta' Mejju 2026, u li dwaru sar ir-Rapport tal-Pulizija li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid jekk il-kameras tas-CCTV fis-sit kinux operattivi dakinhar? Jekk ma kinux operattivi, jista' jgħid kemm kienu ilhom mhux jiffunzjonaw u għaliex ma kinux ġew imsewwija jew mibdula sa dakinhar? Jista' jgħid ukoll jekk humiex operattivi illum u jekk le, meta se jerġgħu jkunu kompletament operattivi l-kameras tas-CCTV fil-Park and Ride u x'rimedju jew assistenza hija disponibbli għal persuni li jkunu vittmi ta' inċidenti jew reati fis-sit iżda ma jkunux jistgħu jagħmlu użu minn footage tas-CCTV minħabba li s-sistema ma tkunx qed taħdem?

17/08/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 2500.

Seduta Numru 28
27/10/2026

SERVIZZ TAL-FAST FERRY – FAĊILITAJIET GĦALL-PASSIĠĠIERI U L-ĦADDIEMA

2505. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex konxju li fil-post minn fejn jinxtraw il-biljetti u jistennew il-passiġġieri għas-servizz tal-Fast Ferry mill-Belt Valletta lejn Għawdex, il-passiġġieri qed ikollhom jistennew barra esposti għax-xemx u għas-sħana, b'mod partikolari matul ix-xhur tas-sajf? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjan biex jiġi pprovdut kenn adegwat u żona ta' stennija xierqa għall-passiġġieri, kif ukoll faċilitajiet aktar adegwati għall-ħaddiema li bħalissa qed jaħdmu minn container? Jekk iva, jista' jagħti dettalji dwar ix-xogħlijiet ippjanati u meta mistennija jitwettqu?

19/08/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-terminal tal-Fast Ferry f'Ta' Liesse ġarrab ħsarat konsiderevoli minħabba l-maltempata Harry. Sabiex is-servizz ma jiġix interrott, l-Awtorità ħadet miżuri temporanji, fosthom it-tqegħid ta' unità mobbli sabiex tintuża bħala uffiċċju tal-biljetti.

It-tiswijiet issa jinsabu fl-aħħar fażi. Fit-terminal se tinbena kabina għall-bejgħ tal-biljetti, u b'hekk l-unità mobbli titneħħa u l-passiġġieri jkunu jistgħu jixtru l-biljetti mill-faċilitajiet tat-terminal. Ix-xogħlijiet huma mistennija jitlestew sal-bidu ta' Novembru 2026.

Seduta Numru 28
27/10/2026

LNG – KUNSINNI SHIP-TO-SHIP

2535. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tagħrif dettaljat dwar kull kunsinna minn vapur għal vapur (Ship-to-Ship / STS delivery) li saret bejn l-2022 u l-2026, u għal kull kunsinna, tindika:
i. l-istokk tal-bidu (opening stock);
ii. il-kwantità trasferita;
iii. l-istokk tal-għeluq (closing stock); u
iv. l-livell minimu ta' stokk irreġistrat qabel il-wasla tal-kunsinna ta' wara?

31/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

BASTIMENTI TAL-LNG – DĦUL GĦAL SERVIZZI

2536. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista **Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tlaqqgħet ix-xahar li għadda u l-informazzjoni għadha qed tinġabar.**' l-Ministru tgħid kemm-il dħul/sejħa (call) ta' bastimenti tal-LNG kienet għal provvista ordinarja (normal replenishment), u kemm minnhom saru għal servizzi oħra bħal dħul ta' gass (gas-up), tkessiħ (cool-down), ġestjoni ta' fdal ta' gass likwidu (heeling) jew operazzjonijiet tekniċi oħra?

31/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Enemalta għandha x'taqsam biss mas-sejħa tal-provvista ordinarja tal-LNG fejn kien hemm 67 sejħa.

Seduta Numru 28
27/10/2026

DELIMARA 4 – OUTAGE TAT-TURBINA TAL-FWAR

2537. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tindika meta ma kinitx qed topera (outage) it-turbina tal-fwar ta' Delimara 4 (D4), matul l-2024 u għall-istess perjodu tgħid:
i. kemm kien twil dan il-perjodu;
ii. kemm kienet il-kapaċità f'MW li baqgħet disponibbli minn D4 f'dan il-perjodu;
iii. kemm ġew iġġenerati megawatt-siegħa (MWh) matul dan il-perjodu; u
iv. kemm kien il-volum totali ta' gass ikkonsmat matul dan il-perjodu?

31/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li:
i. Matul l-2024, it-turbina tal-fwar ta' D4 twaqqfet skont ma hija l-prassi li jiġri wara 60,000 siegħa t'operat effettiv, biex saritilha manutenzjoni preventiva estensiva li damet għal 33 ġurnata;
ii. Il-kapaċità disponibbli minn D4 f'dan il-perjodu kienet ta' 100.5MW;
iii. Matul dan il-perjodu ġew iġġenerati 65,169.5 MWh minn D4 (minn kapaċità disponibbli ta' 80,260.39 MWh);
iv. Il-volum totali ta' gass ikkonsmat minn D4 matul dan il-perjodu kien madwar 705,250MMBtu.

Seduta Numru 28
27/10/2026

FLOATING STORAGE UNIT – ASSUNZJONIJIET DWAR L-OPERABBILTÀ U KONTINĠENZI

2538. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk wara l-maltempati Helios u Harry sarx rikalkolu formali tal-assunzjonijiet dwar l-operabbiltà tal-Floating Storage Unit (FSU) f'kundizzjonijiet ħżiena tat-temp u l-valutazzjoni ta' kontinġenzi multipli simultanji (compound contingencies)?

31/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ARMADA LNG MEDITERRANA – STATUS OPERATTIV U MARITTIMU

2539. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti dettalji dwar l-istatus ċertifikat kurrenti tal-bastiment Armada LNG Mediterrana f'dak li jirrigwarda;
i. is-sistema ta' propulsjoni;
ii. il-ġenerazzjoni tal-elettriku abbord;
iii. il-klassifikazzjoni marittima (class status); u
iv. l-ħajja operattiva residwa (remaining service life) ta' dan il-bastiment?

31/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: L-informazzjoni mitluba tirrigwarda l-istatus tekniku u operattiv tal-FSU, li jifforma parti mill-infrastruttura kritika tal-provvista tal-enerġija, u għaldaqstant hija ta' natura sensittiva u tqajjem kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà.

Seduta Numru 28
27/10/2026

GRID TAL-ELETTRIKU – IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-NAO

2540. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema mir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) dwar il-grid tal-elettriku ġew implimentati b'mod sħiħ sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

31/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, wara s-sajf tal-2023, Enemalta aċċellerat programm estensiv ta' investiment u tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni, b'enfasi fuq iż-żieda fil-kapaċità, ir-reżiljenza u l-ippjanar tan-network għall-ħtiġijiet preżenti u futuri. Dan huwa konformi mad-direzzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.
Bejn l-2023 u l-2025, Enemalta wettqet programm ta' investiment ta' €141 miljun fin-network tal-elettriku. Fiż-żoni fejn saru xogħlijiet ta' tisħiħ tan-network, diġà qegħdin jidhru r-riżultati ta' dawn l-interventi f'network aktar b'saħħtu u b'aktar kapaċità. Madankollu, l-infrastruttura tal-elettriku teħtieġ titjib u investiment kontinwu, partikolarment fid-dawl taż-żieda fid-domanda u l-isfidi li ġġib magħha it-tibdil fil-klima.
L-investiment li qed isir huwa wieħed bla preċedent biex nindirizzaw sfidi li sibna u li jeħtieġu azzjoni konkreta. L-investimenti qegħdin isiru fuq diversi livelli tan-network u jinkludu substations ġodda, cables ġodda ta' vultaġġ medju taħt l-art, low-voltage feeders ġodda, bdil ta' transformers u modernizzazzjoni ta' switchgear. Fl-istess waqt saru investimenti fid-distribution centres. Fl-2026 ġew konklużi proġetti fin-Naxxar, is-Siġġiewi u l-Imsida, b'investiment totali ta' madwar €40 miljun. Fl-Imsida, il-kapaċità installata rdoppjat minn 30MVA għal 60MVA, filwaqt li ċ-ċentri tan-Naxxar u s-Siġġiewi għandhom kapaċità installata ta' 60MVA kull wieħed. Saru wkoll investimenti f'ċentri ta' distribuzzjoni eżistenti bħal Bugibba, St. Andrew's, Ħal Kirkop u fil-Mosta.
F'Jannar 2026, Enemalta kompliet issaħħaħ l-ippjanar fit-tul permezz tat-tnedija tal-Pjan ta' Disa' Snin, li jistabbilixxi direzzjoni fit-tul għall-iktar tisħiħ tan-network tal-elettriku.
F'Għawdex ukoll qed jitmexxew 'il quddiem investimenti strateġiċi, fosthom il-proċess għal żewġ cables ġodda ta' 33kV bejn Malta u Għawdex, konnessjoni ġdida ppjanata ta' 132kV, kif ukoll żewġ distribution centres ġodda.

L-implimentazzjoni tal-miżuri marbuta mar-rakkomandazzjonijiet tal-NAO għandha titqies fil-kuntest ta' programm kontinwu ta' tisħiħ, modernizzazzjoni u ppjanar fit-tul tan-network. L-infrastruttura elettrika mhijiex investiment ta' darba, iżda teħtieġ proċess kontinwu ta' tisħiħ u titjib sabiex tibqa' tlaħħaq maż-żieda fid-domanda, mat-tkabbir ekonomiku, mat-tibdil fil-klima u mal-ħtiġijiet futuri tal-pajjiż.

Seduta Numru 28
27/10/2026

GĦAWDEX - QORTI ĠDIDA

3180. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet fuq il-bini tal-Qorti l-ġdida fir-Rabat, Għawdex, u meta huwa mistenni li l-Qorti ta' Għawdex tibda topera minn dan il-bini?

06/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Numru 2135 li ngħatat fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2026 ta' din il-Leġislatura.

Seduta Numru 28
27/10/2026

QORTI U TRIBUNAL T'GĦAWDEX - KAŻIJIET TA' PUSSESS TAD-DROGA

3229. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 465 u 1115 u jgħid kemm-il każ ta' pussess sempliċi ta' droga ġie rrappurtat jew tressaq quddiem il-Qrati f'Għawdex u quddiem it-Tribunal matul is-snin 2024, 2025 u 2026, maqsuma sena b'sena, u jindika x'tip ta' sustanzi kienu involuti f'dawn il-każijiet?

07/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

Sena	**Numru ta' każi ta' pussess sempliċi ta' droga rrapurtati f'Għawdex**	**Numru ta' persuni mressqa l-Qorti skond data tal-Pulizija**	**Numru ta' persuni mressqa fit-Tribunal skond data mis-sistema LES**
2024	14	Nil	3 pussess ta' kannabis
			3 pussess ta' kokaina
			4 pussess ta' eroina
2025	9	2 pussess ta' kokaina	2 pussess ta' kannabis
			2 pussess ta' kokaina
			3 fuq konsum ta' kannabis fil-pubbliku
2026 sa Settembru	8	1 Pussess ta' Kannabis	1 pussess ta' kokaina
			1 pussess ta' kannabis
			5 fuq konsum ta' kannabis fil-pubbliku

Seduta Numru 28
27/10/2026

GĦAWDEX - ĊENTRU DDEDIKAT GĦAL-LIFELONG LEARNING

3230. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl li l-iskola f'Għajnsielem, li bħalissa qed tintuża mill-MCAST, ma baqgħetx disponibbli għal-lezzjonijiet tal-Lifelong Learning, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan biex jitwaqqaf ċentru ddedikat f'Għawdex, fuq il-mudell ta' dak li hemm f'Malta, sabiex il-korsijiet jinġabru f'post wieħed minflok jibqgħu mifruxin f'diversi lokalitajiet? Jista' jgħid ukoll jekk tali ċentru jkunx jinkludi klassijiet u workshops attrezzati bir-riżorsi u l-għodod meħtieġa għall-korsijiet offruti sabiex l-għalliema u l-istudenti jkollhom faċilitajiet adegwati għat-tagħlim teoretiku u prattiku?

07/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li huwa żbaljat meta jgħid f'Malta l-korsijiet kollha jingħataw minn post wieħed. Jekk ikun hemm il-fakulta li f'Għawdex isir hekk, bħal dejjem naraw li jiġi provdut l-aħjar servizz.

Seduta Numru 28
27/10/2026

GĦAWDEX - KORSIJIET TAL-LIFELONG LEARNING

3231. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jindika kemm qed jiġu offruti korsijiet tal-Lifelong Learning f'Għawdex, fil-preżent, u jipprovdi lista ta' dawn il-korsijiet u għal kull kors jindika n-numru ta' studenti rreġistrati u l-post fejn qed isiru l-lezzjonijiet?

07/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qedgħa titpoġġa fuq il-mejda tal-kamra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IR-RABAT, GĦAWDEX - PROĠETT TA' PARKEĠĠ

3232. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar il-proġett tal-parkeġġ fir-Rabat, Għawdex, biswit it-terminal tal-karozzi tal-linja u jindika:
i. f'liema stadju jinsab il-proġett, inkluż fir-rigward tal-ippjanar, il-permessi, il-ħruġ u l-għoti tal-offerti u x-xogħlijiet fuq il-post;
ii. fiex se jikkonsisti l-proġett, inkluż in-numru ta' spazji għall-parkeġġ u l-faċilitajiet previsti;
iii. x'inhi l-ispiża stmata tal-proġett u kif se jiġi ffinanzjat;
iv. meta huwa ppjanat li jibdew u jitlestew ix-xogħlijiet, u meta l-parkeġġ u l-ġnien mistennija jkunu disponibbli għall-użu tal-pubbliku; u
v. jekk sarx studju dwar l-impatt tal-proġett fuq it-traffiku (Traffic Impact Assessment) u, jekk iva, jgħid x'kienu l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, u jqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

07/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-offerta għax-xogħlijiet ta' twaqqiegħ, tħaffir, kostruzzjoni u tisbiħ ġiet aġġudikata nhar is-26 ta' Jannar 2026. L-applikazzjonijiet għall-permessi jinsabu quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar ghaldaqstant ix-xoghol ikun jista jibda kif jinhargu l-permessi necessari. Nirreferik ukoll ghal mistoqsija parlamentari numru 31906.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IL-MELLIEĦA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU

3318. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1990, fejn qed jingħad li ser ikun hemm iktar tisħiħ fis-sistema tal-cables tal-Enemalta fil-lokalità tal-Mellieħa, tista' l-Ministru tagħti indikazzjoni dwar fejn huma mistennija jitqiegħdu l-cables indikati? Tista' tgħid ukoll meta hu mistenni li jsir dan ix-xogħol?

08/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li Enemalta qed tippjana aktar xogħlijiet ta' rinfurzar fin-network tad-distribuzzjoni fil-Mellieħa. It-tisħiħ tan-network huwa proċess kontinwu u l-interventi meħtieġa jiġu ppjanati skont il-ħtiġijiet tekniċi u operattivi tan-network.

Seduta Numru 28
27/10/2026

L-IMĠARR - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU

3319. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1991, fejn qed jingħad li ser ikun hemm iktar tisħiħ fis-sistema tal-cables tal-Enemalt, fil-lokalità tal-Imġarr, Malta, tista' l-Ministru tagħti indikazzjoni dwar fejn huma mistennija jitqiegħdu l-cables indikati? Tista' tgħid ukoll meta hu mistenni li jsir dan ix-xogħol?

08/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Enemalta qed tippjana aktar xogħlijiet ta' rinfurzar fin-network tad-distribuzzjoni fl-Imġarr. It-tisħiħ tan-network huwa proċess kontinwu u l-interventi meħtieġa jiġu ppjanati skont il-ħtiġijiet tekniċi u operattivi tan-network.

Seduta Numru 28
27/10/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR - MTA - SPEZZJONIJIET

3320. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2072 dwar spezzjonijiet mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), jista' l-Ministru jgħid kemm-il spezzjoni saret f'San Pawl il-Baħar u xi rriżulta minn dawn l-ispezzjonijiet?

08/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul il-perjodu riferut saru 'il fuq minn 300 spezzjoni mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fil-lokalità f'San Pawl il-Baħar. Minn dawn l-ispezzjonijiet inħarġu multi amministrattivi u avviż ta' infurzar, skont iċ-ċirkostanzi u n-natura tal-irregolaritajiet osservati.

Seduta Numru 28
27/10/2026

TAS-SLIEMA - MTA - SPEZZJONIJIET

3321. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2072 dwar spezzjonijiet mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), jista' l-Ministru jgħid kemm-il spezzjoni saret f'Tas-Sliema u xi rriżulta minn dawn l-ispezzjonijiet?

08/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul il-perjodu riferut saru 'l fuq minn 500 spezzjoni mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fil-lokalità tas-Sliema. Minn dawn l-ispezzjonijiet inħarġu multi amministrattivi u avviżi ta' infurzar, skont iċ-ċirkostanzi u n-natura tal-irregolaritajiet osservati.

Seduta Numru 28
27/10/2026

SAN ĠILJAN - MTA - SPEZZJONIJIET

3322. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2072 dwar spezzjonijiet mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), jista' l-Ministru jgħid kemm-il spezzjoni saret f'San Ġiljan u xi rriżulta minn dawn l-ispezzjonijiet?

08/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul il-perjodu riferut saru 'l fuq minn 400 spezzjoni mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fil-lokalità ta' San Ġiljan. Minn dawn l-ispezzjonijiet inħarġu multi amministrattivi, skont iċ-ċirkostanzi u n-natura tal-irregolaritajiet osservati.

Seduta Numru 28
27/10/2026

GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – KOFINANZJAMENT MILL-UE

3323. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1520 u jgħid jekk il-Gvern, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, bediex proċess serju biex jikseb kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea għall-investiment fi flotta ġdida tal-Gozo Channel? Jekk le, jista' jgħid ukoll liema passi ttieħdu u f'liema stadju jinsabu?

08/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant lit-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

L-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - IMPJEGATI ĠODDA

3349. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew ingaġġati impjegati ġodda fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, f'April 2026?

09/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 2289.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – INFIQ FUQ REKLAMAR

3545. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-Ministeru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, ilproġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u lkonsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – INFIQ FUQ REKLAMAR

3546. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, flimkien mal–aġenzija, li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – INFIQ FUQ REKLAMAR

3547. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tagħha u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tagħha, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll tipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li tispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-Ministeru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 28
27/10/2026

QAFAS DWAR L-IMĠIBA TAL-ISTUDENTI FL-ISKEJJEL

3548. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti ż-żmien previst għall-konsultazzjoni, il-pubblikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-qafas dwar l-imġiba tal-istudenti fl-iskejjel, inklużi l-proċeduri ta' tfittxija u ta' rispons għal emerġenzi? Jista' wkoll jispeċifika liema skejjel ser ikunu koperti, min ser jiġi kkonsultat, l-ispiża stmata, it-taħriġ previst għall-persunal, is-salvagwardji għad-drittijiet u l-benesseri tal-istudenti, u kif ser jitkejjel u jiġi evalwat l-impatt tal-qafas?

14/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-Kapijiet tal-Iskejjel attendew laqgħat bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru, li matulhom ġew ippreżentati l-prinċipji ewlenin tal-Qafas, flimkien mad-dokumenti relatati. Ingħata wkoll spazju għal mistoqsijiet u kjarifiki.
Il-Qafas huwa maħsub biex jipprovdi direzzjoni u gwida komuni lill-iskejjel, filwaqt li jirrispetta l-kuntest u l-politiki rispettivi tagħhom. Huwa previst ukoll li matul it-tieni term ikomplu d-diskussjonijiet dwar aspetti relatati mas-sigurtà u l-bżonnijiet ta' taħriġ, kif ukoll dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tiegħu.

Seduta Numru 28
27/10/2026

L-IMSIDA – LIFE LONG LEARNING CENTRE – TISWIJIET

3638. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid meta ġiet identifikata l-ħtieġa għat-tiswijiet fi ħdan il-Life Long Learning Centre tal-Imsida, u jekk dawn it-tiswijiet kinux ippjanati minn qabel jew irriżultawx minn xi emerġenza li nqalgħet f'daqqa?

16/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għal mistoqsija parlamentari 3637.

Seduta Numru 28
27/10/2026

L-IMSIDA – LIFE LONG LEARNING CENTRE – TISWIJIET

3639. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk it-tiswijiet fil-binja tal-Life Long Learning Centre tal-Imsida kinux ilhom magħrufa jew kinux ippjanati minn qabel? Jista' jgħid ukoll għaliex ma sarux matul il-perjodu tas-sajf, meta ma jkunux għaddejjin il-korsijiet, minflok fil-bidu tas-sena akkademika?

16/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għal mistoqsija parlamentari 3637.

Seduta Numru 28
27/10/2026

L-IMSIDA – LIFE LONG LEARNING CENTRE – LEZZJONIJIET LI ĠEW IMĦASSRA

3640. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew imħassra lezzjonijiet mill-bidu tal-korsijiet ta' Ottubru 2026 fil-Life Long Learning Centre tal-Imsida, kemm ġew affettwati korsijiet, u kemm hemm studenti milquta minn din is-sitwazzjoni?

16/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3637.

Seduta Numru 28
27/10/2026

L-IMSIDA – LIFE LONG LEARNING CENTRE – PERJODU TA' ŻMIEN LI MISTENNI JKUN MAGĦLUQ

3641. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid għal kemm żmien huwa mistenni li jibqa' magħluq il-Life Long Learning Centre tal-Imsida? Jista' jgħid ukoll meta l-istudenti u l-edukaturi jistgħu jistennew li jerġgħu jibdew il-lezzjonijiet b'mod normali?

16/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3637.

Seduta Numru 28
27/10/2026

L-IMSIDA – LIFE LONG LEARNING CENTRE – ARRANĠAMENTI ALTERNATTIVI

3642. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx ikkunsidrati arranġamenti alternattivi minflok il-Life Long Learning Centre tal-Imsida, bħal postijiet oħra fejn isiru l-lezzjonijiet jew isiru lezzjonijiet online, sabiex l-istudenti ma jitilfux aktar ħin ta' tagħlim?

16/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3637.

Seduta Numru 28
27/10/2026

L-IMSIDA – LIFE LONG LEARNING CENTRE – MIŻURI GĦAT-TLESTIJA TAL-KORSIJIET

3643. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl li xi studenti s'issa setgħu attendew biss lezzjoni waħda mill-bidu tal-kors tagħhom fi ħdan il-Life Long Learning Centre tal-Imsida, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri se jittieħdu biex jiġi żgurat li l-korsijiet jitlestew skont il-programm u li l-istudenti jirċievu l-ħin kollu ta' tagħlim li għalih irreġistraw?

16/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3637.

Seduta Numru 28
27/10/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

3735. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

19/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

3736. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

19/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

3737. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru telenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u tispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

19/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: L-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

3738. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

19/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: L-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

PROPRJETAJIET PUBBLIĊI GĦALL-UŻU TA' NGOS

3739. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jelenka l-proprjetajiet pubbliċi mogħtija għall-użu ta' NGOs taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u jispeċifika l-NGO, l-użu u l-kundizzjonijiet ta' kull ftehim?

19/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

3740. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

19/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

QORTI TAL-MAĠISTRATI – QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI – KAWŻI KRIMINALI PENDENTI

3758. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni:Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' kawżi kriminali pendenti li jaqgħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI – KAWŻI ĊIVILI PENDENTI

3759. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' kawżi ċivili pendenti fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn kienu pendenti quddiem is-Sezzjoni tal-Familja tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sal-1 ta' Ottubru 2026?

19/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

QORTI KRIMINALI – KAWŻI PENDENTI

3760. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni:Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-kawżi pendenti quddiem il-Qorti Kriminali huma ta' persuni Maltin u kemm minnhom huma ta' persuni barranin?

19/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

QORTI KRIMINALI – PERSUNI BARRANIN

3761. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni:Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-persuni barranin li qed jistennew li jgħaddu ġuri quddiem il-Qorti Kriminali huma persuni li huma ta' nazzjonalità extra-komunitarja?

19/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

OECD – KONVENZJONI KONTRA T-TIXĦIM

3762. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex Malta mhijiex firmatarja jew tifforma parti mill-Konvenzjoni Kontra t-Tixħim tal-OECD (OECD Anti-Bribery Convention) u jekk il-Ministru għandux il-ħsieb li l-Gvern jiffirma l-Konvenzjoni?

19/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

EUROPEAN COMMISSION – RULE OF LAW REPORT TAL-2026

3763. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni:Skont ir-Rule of Law Report tal-2026 maħruġ mill-European Commission għal Malta, fejn ingħad: 'Action remains to be taken to improve the overall ethics framework of the public administration', jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata?

19/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ENVISION 2050 – METODOLOĠIJA – TURISTI

3770. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jispjega liema metodoloġija ntużat fit-tfassil tal-parti tal-EnVision 2050 biex waslet għall-konklużjoni li Malta kellha tilħaq il-4.5 miljun turist fis-sena 2035 meta jirriżulta illi Malta ser tilħaq dik il-mira din is-sena?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ENVISION 2050 – MIRI TAT-TURIŻMU – REVIŻJONI

3771. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk, ladarba ġie kkonfermat li Malta tista' tilħaq il-4.5 miljun turist li kien mistenni bħala l-mira għal 2035 skont EnVision 2050, sa kmieni kemm fl-2026, jiġifieri disa' snin qabel, il-Gvern għandux pjan li jirrevedi l-miri tat-turiżmu inklużi f'EnVision 2050?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ENVISION 2050 – MIRI TAT-TURIŻMU – METODOLOĠIJA

3772. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: F'każ li l-Gvern għandu pjan li jirrevedi l-miri tat-turiżmu inklużi f'EnVision 2050, jista' l-Ministru jgħid x'metodoloġija differenti minn dik li ntużat fl-EnVision 2050 ser tiġi użata biex il-previżjonijiet ikunu aktar kredibbli?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

KAPAĊITÀ TURISTIKA – EVALWAZZJONI TAL-INFRASTRUTTURI

3773. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk, qabel ma jiġu approvati aktar żidiet fil-kapaċità turistika, il-Gvern hux se jevalwa jekk l-infrastruttura tal-ilma, l-elettriku, id-drenaġġ, l-iskart, it-trasport u t-toroq tal-pajjiż għandhiex kapaċità biżżejjed biex takkomoda d-domanda addizzjonali?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

WASLIET TA' TURISTI

3774. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern jemminx li ż-żidiet sena wara sena fin-numru ta' wasliet ta' turisti jistgħu jibqgħu jiġu sostnuti indefinittivament, u, jekk le, x'limitu jew firxa massima ta' wasliet turistiċi l-Gvern iqis kompatibbli mal-kapaċità ambjentali, infrastrutturali u soċjali ta' Malta?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3768.

Seduta Numru 28
27/10/2026

NEFQA TURISTIKA – PERĊENTWALI

3775. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'perċentwal taż-żieda fin-nefqa turistika matul l-2025 u l-2026 huwa attribwibbli għaż-żieda fin-numru ta' viżitaturi u x'perċentwal huwa attribwibbli għal żieda fin-nefqa medja għal kull turist?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

KUNSILLI LOKALI U D-DIVIŻJONI TAL-GVERN LOKALI – STUDENTI ALLOKATI JEW INGAĠĠATI

3827. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm studenti ġew ingaġġati jew allokati mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u mal-kunsilli lokali matul is-sajf tal-2026, inklużi studenti permezz tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS), il-MITA u s-Summer Placement Programme, u tagħti din l-informazzjoni separata skont l-iskema jew programm rispettiv? Tista' tgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti ġew allokati lill-kunsilli lokali u kemm baqgħu jew ġew assenjati mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali? Tista' tgħid ukoll fuq liema kriterji ġie stabbilit in-numru ta' studenti mitluba jew ingaġġati, u jekk qabel ma ġie stabbilit dan in-numru sarx eżerċizzju mal-kunsilli lokali sabiex tiġi determinata d-domanda effettiva għal studenti minn kull kunsill?

19/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Ninsab infurmata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-lista tal-istudenti ġiet komunikata lilhom mill-entitajiet konċernati. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali ħadet ħsieb biex tara illi kemm jista' jkun, l-istudenti jiġu allokati f'kunsilli viċin il-post tar-residenza tagħhom.

Seduta Numru 28
27/10/2026

VJAL KULĦADD – PROĠETTI

3828. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab kull wieħed mill-proġetti magħżula taħt l-inizjattiva Vjal Kulħadd? Jista' jgħid ukoll liema proġetti tlestew, liema jinsabu fil-fażi ta' implimentazzjoni, liema għadhom fi stadju ta' pjanar jew konsultazzjoni u d-data mistennija għat-tlestija ta' kull proġett?

19/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-proġetti magħżula taħt l-inizjattiva Vjal Kulħadd jinsabu fi stadji differenti ta' implimentazzjoni, skont in-natura tax-xogħlijiet meħtieġa u l-proċessi tekniċi u amministrattivi relatati ma' kull proġett.

Sal-lum, tlestew il-proġetti fi Triq Ħaż-Żabbar fiż-Żejtun, fi Triq il-Gudja fil-Gudja, fil-Pjazza Tommaso Dingli, Ħ'Attard u fi Triq San Tumas f'Ħal Tarxien. Tlesta wkoll ix-xogħol ta' riallinjament tal-bypass tas-Siġġiewi, inkluża r-rikostruzzjoni sħiħa tiegħu, il-kostruzzjoni ta' sistema ġdida għall-ġbir tal-ilma tax-xita sabiex titjieb is-sitwazzjoni f'żona li tbati minn għargħar qawwi, u t-titjib tal-bankina tul il-belvedere bi tqegħid ta' madum ġdid tal-konkos aggregat espost.

Fir-rigward ta' Triq is-Saqqajja fir-Rabat, tlestiet l-ewwel fażi tal-proġett, filwaqt li qed jiġu ffinalizzati x-xogħlijiet tat-tieni fażi u qed jitħejja l-bidu tat-tielet fażi. Din tal-aħħar tinkludi t-tħejjija tas-servizzi u l-kostruzzjoni tal-pedamenti tal-bankini u tal-parkeġġi.

Fi Triq John Ayde fin-Naxxar, inbena r-reservoir, ġew installati s-servizzi kollha u tlestew ix-xogħlijiet kollha ta' skavar. Ix-xogħlijiet tal-bankini tlestew ukoll. Fi Triq Oscar Zammit fl-Imsida, inbena r-reservoir, ġew installati s-servizzi kollha u tlestew ix-xogħlijiet kollha ta' skavar.

F'Xatt iċ-Ċangatura fil-Furjana, tlestiet l-ewwel fażi minn tlieta, filwaqt li għaddejjin ix-xogħlijiet fuq is-servizzi li jinsabu tul it-tieni fażi tal-proġett.

F'Ħal Kirkop, l-Aġenzija riċentament irċeviet il-ftehim iffirmat mal-Kunsill Lokali, pass meħtieġ għall-iżvilupp tal-proġett.

Fir-rigward ta' Misraħ Santa Marija fiż-Żurrieq, ġiet sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar l-applikazzjoni relatata mad-DNO, u bħalissa qed tkun mistennija l-approvazzjoni tagħha qabel ma jkun jista' jsir aktar progress.

Fir-rigward tal-proġetti f'Ħaż-Żebbuġ, il-Fgura, il-Mosta, il-Mellieħa u Ħal Safi, il-proċess ta' implimentazzjoni għadu għaddej, u l-istadju rispettiv u l-iskedi ta' żmien għat-tlestija tagħhom huma marbuta mal-iżvilupp u l-progress tal-proċessi tekniċi u amministrattivi meħtieġa.

Id-dati mistennija għat-tlestija ta' kull proġett jiddependu mill-istadju li jkun intlaħaq, mill-ħtiġijiet tekniċi u mill-approvazzjonijiet meħtieġa. Għaldaqstant, l-iskedi ta' żmien jiġu stabbiliti jew aġġornati skont il-progress effettiv ta' kull proġett.

Seduta Numru 28
27/10/2026

VJAL KULĦADD – KONTINWAZZJONI TAL-INIZJATTIVA

3829. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux beħsiebu jkompli bl-inizjattiva Vjal Kulħadd permezz ta' sejħa jew fażi oħra li fiha jkunu jistgħu jintgħażlu proġetti addizzjonali? Jekk iva, jista' jgħid meta huwa ppjanat li titnieda l-fażi jew sejħa li jmiss, kemm huwa l-baġit allokat għaliha u kemm-il proġett huwa previst li jintgħażel?

19/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-inizjattiva Vjal Kulħadd qed tkompli tiġi implimentata permezz tal-proġetti magħżula fl-ewwel fażi tagħha, li tħabbret f'Jannar 2025. Wara li kienu ġew sottomessi 40 applikazzjoni minn kunsilli lokali u NGOs ambjentali, intgħażlu 14-il proġett għall-ewwel fażi, filwaqt li 10 proġetti addizzjonali kienu għadhom taħt evalwazzjoni għat-tieni fażi.
L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li tkompli tittrasforma l-ispazji pubbliċi f'żoni aktar aċċessibbli, siguri u sostenibbli, b'enfasi fuq il-mixi, il-mobilità alternattiva u ż-żieda fl-ispazji ħodor, filwaqt li tingħata prijorità lin-nies u lill-komunitajiet.

Seduta Numru 28
27/10/2026

VJAL KULĦADD – APPLIKAZZJONIJIET LI MA NTGĦAŻLUX

3830. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu ġew sottomessi proposti jew applikazzjonijiet oriġinarjament taħt l-inizjattiva Vjal Kulħadd, kemm minnhom intgħażlu u kemm ma ntgħażlux? Jista' jgħid ukoll x'se jsir mill-proposti li ġew sottomessi iżda ma ntgħażlux, u jekk dawn humiex se jibqgħu jiġu kkunsidrati għal fażi sussegwenti tal-inizjattiva jew jekk il-Kunsilli Lokali u/jew l-entitajiet li ssottomettewhom humiex se jkollhom jissottomettu applikazzjoni ġdida? Jista' jgħid ukoll jekk Infrastructure Malta kkomunikatx mal-applikanti li ma ntgħażlux dwar il-possibbiltà li l-proposti tagħhom jiġu kkunsidrati fi stadju jew fażi sussegwenti?

19/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li sabiex tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari numru 25318 matul il-leġiżlatura preċedenti.

Seduta Numru 28
27/10/2026

INFRASTRUCTURE MALTA – XOGĦLIJIET TEMPORANJI F'RAĦAL ĠDID – NEFQA

3831. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa totali tax-xogħlijiet temporanji li saru minn Infrastructure Malta fi Triq Għajn Dwieli, f'Raħal Ġdid? Jista' jgħid ukoll kemm damu għaddejjin dawn ix-xogħlijiet billi jindika d-data ta' meta bdew u d-data ta' meta tlestew?

20/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jirreferi għat-tweġiba ta' PQ 3090.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IX-XGĦAJRA – ĦSARAT IKKAWŻATI MILL-MALTEMPATA HARRY – XOGĦLIJIET

3832. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet saru jew qed isiru tul il-promenade tax-Xatt tax-Xgħajra wara l-ħsarat ikkawżati mill-maltempata Harry?

20/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ - KUNTRATTI

3861. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3315 u jippreżenta lista tal-kuntratti kollha li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tat lil entitajiet privati għall-provvista ta' servizzi lill-anzjani matul l-2024, l-2025 u l-2026, u għal kull kuntratt jagħti l-isem tal-kuntrattur, is-servizz ipprovdut, il-valur tal-kuntratt, id-data tal-għoti, it-tul tal-kuntratt, in-numru ta' benefiċjarji u jekk kienx hemm estensjonijiet jew varjazzjonijiet fil-valur tal-kuntratt?

20/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li -Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità ssegwi l-proċeduri u r-regolamenti li joħorġu mir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. Infurmat li l-informazzjoni tkun diġa pubblika u aċċessibbli fl-EPPS.

Seduta Numru 28
27/10/2026

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI – BAĠIT ALLOKAT

3862. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3080 u 3314 u jgħid kemm kien il-baġit allokat lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Anzjani fl-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm effettivament intnefaq minn dawn l-allokazzjonijiet?

20/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-OMBUDSMAN – IMPLIMENTAZZJONI

3882. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman dwar iż-żjarat fuq il-post minn uffiċjali tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġu mmarkati b'mod ċar il-konfini tal-art okkupata illegalment u jispjega għaliex dawn ir-rakkomandazzjonijiet għadhom ma ġewx implimentati?

20/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

TAS-SLIEMA – ENCROACHMENTS U OKKUPAZZJONI ILLEGALI TA' ART PUBBLIKA – MULTI

3883. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-ammont ta' multi imposti jew mitluba f'każijiet ta' "encroachments" jew okkupazzjoni illegali ta' art pubblika f'Tas-Sliema? Jista' wkoll jindika jekk dawn il-multi humiex qed jitħallsu fil-ħin u jekk il-ħlasijiet kollha dovuti humiex aġġornati? Jista' jipprovdi, f'tabella, id-dettalji ta' kull każ inkluż l-ammont tal-multa imposta, l-ammont miġbur s'issa, l-ammont pendenti u, fejn applikabbli, l-azzjonijiet meħuda biex jinġabru l-ammonti dovuti?

20/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

SAN ĠILJAN – ENCROACHMENTS U OKKUPAZZJONI ILLEGALI TA' ART PUBBLIKA – MULTI

3884. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-ammont ta' multi imposti jew mitluba f'każijiet ta' "encroachments" jew okkupazzjoni illegali ta' art pubblika f'San Ġiljan? Jista' wkoll jindika jekk dawn il-multi humiex qed jitħallsu fil-ħin u jekk il-ħlasijiet kollha dovuti humiex aġġornati? Jista' jipprovdi, f'tabella, id-dettalji ta' kull każ inkluż l-ammont tal-multa imposta, l-ammont miġbur s'issa, l-ammont pendenti u, fejn applikabbli, l-azzjonijiet meħuda biex jinġabru l-ammonti dovuti?

20/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IL-GŻIRA – ENCROACHMENTS U OKKUPAZZJONI ILLEGALI TA' ART PUBBLIKA – MULTI

3885. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-ammont ta' multi imposti jew mitluba f'każijiet ta' "encroachments" jew okkupazzjoni illegali ta' art pubblika fil-Gżira? Jista' wkoll jindika jekk dawn il-multi humiex qed jitħallsu fil-ħin u jekk il-ħlasijiet kollha dovuti humiex aġġornati? Jista' jipprovdi, f'tabella, id-dettalji ta' kull każ inkluż l-ammont tal-multa imposta, l-ammont miġbur s'issa, l-ammont pendenti u, fejn applikabbli, l-azzjonijiet meħuda biex jinġabru l-ammonti dovuti?

20/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

BAĠIT 2026 - MIŻURI LI GĦADHOM MA ĠEWX IMPLIMENTATI

3886. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2166 u 3412 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Finanzi u lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u jgħid liema miżuri mħabbra fil-Baġit 2026 għadhom ma ġewx implimentati u jipprovdi l-istadju ta' implimentazzjoni ta' kull waħda minnhom?

20/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 4074.

Seduta Numru 28
27/10/2026

LISTI UŻATI GĦAL KUNTATT MAL-PAZJENTI – SEGWITU KLINIKU – VERIFIKA U TQABBIL TAD-DATA

3889. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema proċeduri ta' verifika u tqabbil tad-data huma fis-seħħ biex jiġi żgurat li listi użati għal kuntatt mal-pazjenti, appuntamenti u segwitu kliniku jirriflettu l-istatus attwali tagħhom? Jista' jgħid ukoll kif jiġi żgurat li pazjenti li jkunu mietu ma jibqgħux inklużi f'dawn il-listi minħabba nuqqas jew dewmien fl-aġġornament tal-informazzjoni u jekk hemmx sistema ta' awditjar biex jiġu identifikati diskrepanzi bħal dawn?

20/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU U MIŻURI KORRETTIVI – NUQQAS TA' AĠĠORNAMENT TAL-INFORMAZZJONI

3890. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk sarux valutazzjonijiet tar-riskju, awditi jew investigazzjonijiet dwar il-possibbiltà li pazjenti li jkunu mietu jibqgħu jidhru bħala attivi f'listi użati għal skopijiet kliniċi minħabba nuqqas ta' aġġornament tal-informazzjoni? Jekk iva, x'kienu l-konklużjonijiet u liema miżuri korrettivi ttieħdu jew huma ppjanati li jittieħdu biex jitnaqqas ir-riskju li dan jerġa' jseħħ?

20/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

LISTI UŻATI GĦAL SEGWITU KLINIKU – RESPONSABBILTÀ GĦALL-ĠESTJONI U L-VALIDAZZJONI TAD-DATA

3891. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema dipartimenti jew entitajiet huma responsabbli għall-ġenerazzjoni, l-aġġornament, il-verifika u t-trażmissjoni tal-listi użati għal segwitu kliniku? Jista' jgħid ukoll liema proċeduri ta' kontroll u verifika huma fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-informazzjoni f'dawn il-listi tkun korretta u aġġornata?

20/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA – INTEROPERABBILTÀ U TITJIB FIS-SISTEMI

3892. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'miżuri qed jittieħdu jew qed jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet tas-saħħa sabiex titjieb l-interoperabbiltà bejn is-sistemi elettroniċi tal-isptarijiet u jitnaqqas id-dipendenza fuq aġġornamenti manwali? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjanijiet għal sistemi awtomatizzati ta' notifika, tqabbil tad-data jew kontrolli oħra li jidentifikaw diskrepanzi u jipprevjenu li informazzjoni skorretta tintuża għal skopijiet kliniċi?

20/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL UNPAID LEAVE

3947. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3286 u jgħid kemm hemm Allied Health Professionals li applikaw għal unpaid leave, maqsuma professjoni professjoni, fis-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fis-snin 2024, 2025 u 2026 daħlu dawn l-ammont ta' applikazzjonijiet għal unpaid leave:

Fl-2024, l-applikazzjonijiet kienu ta' 2 Audiologists, 12-il Dietician, 14-il Medical Laboratory Scientist, Nutritional Therapist wieħed, 10 Occupational Therapists, 12-il Physiotherapist, 5 Podiatrists, 9 Radiographers u 13-il Speech and Language Pathologist.

Fl-2025, l-applikazzjonijiet kienu minn Audiologist wieħed, 2 Dental Technicians, 3 Dieticians, 10 Medical Laboratory Scientists, 9 Occupational Therapists, 12-il Physiotherapist, Podiatrist wieħed, 14-il Radiographer u 15-il Speech and Language Pathologist.

Fl-2026, l-applikazzjonijiet kienu jinkludu 16-il Dental Technician, 7 Dieticians, 12-il Medical Laboratory Scientist, Orthoptist wieħed, 6 Occupational Therapists, 17-il Physiotherapist, Podiatrist wieħed, 5 Radiographers u 14-il Speech and Language Pathologist.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL CAREER BREAK

3948. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3287 u jgħid kemm hemm Allied Health Professionals li applikaw għal career break, maqsuma professjoni professjoni, fis-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi illi fis-snin 2024, 2025 u 2026 daħlu dawn l-ammont ta' applikazzjonijiet għal career break:

Fl-2024, l-applikazzjonijiet kienu ta' Occupational Therapist wieħed, 2 Physiotherapists, Podiatrist wieħed u 3 Speech and Language Pathologists.

Fl-2025, l-applikazzjonijiet kienu minn 5 Occupational Therapists, 3 Physiotherapists, 2 Podiatrists u 7 Speech and Language Pathologists.

Fl-2026, l-applikazzjonijiet kienu jinkludu 5 Occupational Therapists, 3 Physiotherapists u 2 Podiatrists.

Seduta Numru 28
27/10/2026

AIMS – RAPPORTI AMMINISTRATTIVI U FINANZJARJI ANNWALI

4034. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3483, jista' l-Ministru jgħid meta huma mistennija jitlestew il-proċessi interni relatati mar-rapporti amministrattivi u finanzjarji annwali tal-Awtorità dwar l-Integrità fl-Isport Malti (AIMS) għas-snin 2023, 2024 u 2025, u jispjega r-raġunijiet għaliex dawn il-proċessi għadhom ma tlestewx?

21/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmati li qed isir ix-xogħol biex il-Bord tad-Diretturi jkun jista' japprova tali rapport fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta Numru 28
27/10/2026

TRABI BARRANIN IMWIELDA MALTA

4038. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu dawk il-pajjiżi barranin li l-ġenituri b'ċittadinanza ta'dak il-pajjiż kellhom l-akbar numru ta' trabi mwielda f'Malta bejn Jannar u Ġunju 2026?

21/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

PASSAPORTI MALTIN MAĦRUĠA

4039. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il passaport Malti nħareġ bejn Jannar u Ġunju 2026 u jindika kemm inħarġu lil persuni li kienu diġà ċittadini Maltin u kemm lil persuni li kisbu ċ-ċittadinanza Maltija?

21/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ĊITTADINANZA MALTIJA U PASSAPORT MALTI

4040. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid minn liema pajjiżi oriġinaw il-persuni li kisbu ċ-ċittadinanza Maltija u passaport Malti bejn Jannar u Ġunju 2026, billi jipprovdi n-numru għal kull pajjiż?

21/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ĊITTADINANZA MALTIJA PERMEZZ TA' NATURALIZZAZZJONI

4041. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna kisbet iċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni bejn Jannar u Ġunju 2026, billi jindika l-pajjiż ta' oriġini ta' kull benefiċjarju?

21/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ĦAL FAR – FAĊILITÀ TAL-KWART TA' MIL – WIĊĊ TAL-KONKOS – XOGĦLIJIET

4079. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħlijiet ta' korrezzjoni fuq il-wiċċ tal-konkos tal-faċilità tal-kwart ta' mil f'Ħal Far humiex se jsiru mill-kuntrattur li wettaq ix-xogħlijiet oriġinali taħt il-kuntratt eżistenti, jew permezz ta' sejħa għall-offerti ġdida minn SportMalta jew Infrastructure Malta? F'każ ta' sejħa ġdida, jista' jgħid meta se tinħareġ?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4077.

Seduta Numru 28
27/10/2026

ĦAL FAR – FAĊILITÀ TAL-KWART TA' MIL – WIĊĊ TAL-KONKOS – XOGĦLIJIET

4080. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid fiex se jikkonsistu x-xogħlijiet ta' korrezzjoni fuq il-wiċċ tal-konkos tal-faċilità tal-kwart ta' mil f'Ħal Far, kemm huma stmati li se jiswew, min se jħallas għalihom u minn liema fondi, u kemm huwa stmat li se jdumu biex jitlestew?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4077.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IS-SWIEQI, PEMBROKE U SAN ĠILJAN – ERA – KWALITÀ TAL-ARJA – MONITORAĠĠ

4092. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk, minbarra l-monitoraġġ regolari tal-kwalità tal-arja permezz tad-diffusion tubes, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) wettqitx jew għandhiex il-ħsieb twettaq monitoraġġ jew investigazzjonijiet immirati fiż-żoni tas-Swieqi, Pembroke u San Ġiljan, b'mod partikolari fil-ħinijiet meta r-residenti jirrapportaw irwejjaħ qawwija, dħaħen jew emissjonijiet? Tista' tispeċifika wkoll jekk saritx valutazzjoni dwar jekk is-sustanzi mmonitorjati min-netwerk eżistenti humiex adegwati sabiex jiġu investigati dawn ir-rapporti u jekk itteħdux passi sabiex jiġi identifikat is-sors tal-emissjonijiet?

22/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bħalma spjegajt fit-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 1958, mill-perspettiva tal-kwalità tal-arja ambjentali, in-netwerk ta' monitoraġġ tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) jissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwalità tal-arja ambjentali. Minkejja dan, l-ERA tibqa' impenjata li tinvestiga rapporti li jaqgħu taħt il-mansjoni ambjentali tagħha.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IS-SWIEQI – KUNSILL LOKALI – LAQGĦAT RELATATI MAL-INDAFA, L-INFURZAR U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA

4093. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru laqgħat speċifiċi bejn rappreżentanti tal-Gvern u l-Kunsill Lokali tas-Swieqi matul l-aħħar sentejn, tagħti d-dati ta' dawn il-laqgħat u tindika f'kull każ liema kwistjonijiet relatati mal-indafa, l-infurzar u l-kwalità tal-ħajja fil-lokalità ġew diskussi?

22/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi li matul is-sena 2025 saru 13 -il laqgħa, filwaqt li matul is-sena 2026, sal-lum, saru 11-il laqgħa. Dawn il-laqgħat kienu jikkonċernaw diversi temi ta' interess għall-komunità lokali, fosthom l-infrastruttura u t-tiswijiet tat-toroq, il-ġestjoni tat-traffiku, s-sigurtà u l-infurzar, inizjattivi relatati mal-ambjent u l-kwalità tal-ħajja, kif ukoll proġetti u proposti oħra għall-benefiċċju tal-lokalità.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MARSASKALA – TRIQ IL-QALIET – XOGĦLIJIET

4113. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq il-Qaliet, Marsaskala jaqgħux taħt il-permess PA/11364/18 u taħt l-applikazzjoni ta' strutturi perikolużi DS/00460/25? Jista' jgħid ukoll jekk dawn ix-xogħlijiet humiex qed isiru fuq art pubblika jew privata? Jista' jikkonferma li minħabba li l-ħitan qegħdin jinbnew viċin ħafna tal-irdum, qed jittieħed l-aċċess mill-pubbliku?

22/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Filwaqt li nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 4114, nitlob lill-Onor Interpellant biex jippreżenta pjanta tal-art li għaliha qed jirreferi biex tingħata l-kumplament tal-informazzjoni.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MARSASKALA – TRIQ IL-QALIET – XOGĦLIJIET

4114. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk kull xogħol relatat mal-permessi DS/00460/25 u PA/11364/18 fi Triq il-Qaliet, Marsaskala sarux u qed isiru skont dawn il-permessi? Jekk hemm xi xogħlijiet li saru jew mhux qed isiru skont dawn il-permessi, jista' jgħid x'passi ttieħdu jew se jittieħdu?

22/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar waqqfet ix-xogħlijiet peress li dawn ma kienux qed isiru skont il-pjanti approvati.

Seduta Numru 28
27/10/2026

BIRŻEBBUĠA – TRIQ IŻ-ŻURRIEQ – WATER CULVERTS

4121. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3617 u ċjoè: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser isiru water culverts biex jiġi mmaniġġjat l-ilma tax-xita u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti li juru l-infrastruttura li ser issir jew li ser tinbidel għal dan il-għan?

22/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi wara li Infrastructure Malta għamlet konsultazzjonijiet mal-entità responsabbli (Storm Water Unit), ma kien hemm l-ebda talba għal water culvert fil-qafas ta' dan il-proġett. Għaldaqstant, il-proġett ma jipprevedix xogħlijiet relatati mal-installazzjoni ta' water culvert.

Seduta Numru 28
27/10/2026

BIRŻEBBUĠA – TRIQ IŻ-ŻURRIEQ – XOGĦLIJIET

4122. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3616 u ċjoè: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-project plan li juri liema huma x-xogħlijiet li saru, jew ser isiru, min huwa responsabbli għal liema xogħlijiet u t-timeline?

22/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi x-xogħlijiet fi Triq iż-Żurrieq, f'Birżebbuġa, bdew fl-1 ta' Settembru 2026 u qed jitwettqu minn Infrastructure Malta. Il-proġett huwa skedat li jitlesta sat-tmiem din is-sena. Ix-xogħlijiet huma maqsuma f'żewġ fażijiet, li jkopru s-sezzjoni mit-triq fil-viċinanzi tal-knisja sal-intersezzjoni ma' Triq it-13 ta' Diċembru, kif ġej: L-Ewwel Fażi (mill-knisja sa Triq Sant'Anġlu) mistennija tkun lesta sal-aħħar ta' Ottubru 2026, huwa ppjanat li jitlestew ix-xogħlijiet relatati mal-main tad-drenaġġ, il-main tal-ilma fuq iż-żewġ naħat tat-triq, il-bankini fuq iż-żewġ naħat, kif ukoll it-tqegħid tas-saffi tal-Base Course u tal-Binder Course. It-Tieni Fażi (minn Triq Sant'Anġlu sa Triq it-13 ta' Diċembru) se jitwettqu x-xogħlijiet kollha meħtieġa fuq is-sezzjoni indikata. Barra minn hekk, huwa ppjanat li jitlesta l-Wearing Course tul it-triq kollha. Skont l-iskeda tax-xogħlijiet, il-proġett huwa mistenni li jitlesta sat-tmiem din is-sena.

Seduta Numru 28
27/10/2026

SKEMA TAL-10% DEPOŻITU U SKEMA TA' QSIM TA' EKWITÀ – NUMRU TA' APPLIKAZZJONIJIET MIĊĦUDA

4123. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3219 u 3600 u jipprovdi, separatament għall-iskema tal-10% Depożitu u għall-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità, għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli, in-numru ta' applikazzjonijiet miċħuda minħabba:
(a) dħul ogħla mil-limitu, kemm qabżuh b'sa €1,000, b'bejn €1,001 u €5,000, u b'aktar minn €5,000;
(b) dħul taħt il-minimu applikabbli jew insuffiċjenti għall-ħlas tas-self;
(ċ) età;
(d) assi jew ownership ta' proprjetà oħra;
(e) prezz jew valur tal-proprjetà ogħla mill-limitu;
(f) nuqqas ta' konformità ma' kriterji oħra tal-bank; jew
(g) raġunijiet oħra, li għandhom jiġu speċifikati?
Jista' l-Ministru jiddistingwi bejn ċaħdiet mill-Awtorità u dawk mill-bank, u jgħid kemm-il applikazzjoni ġiet approvata mill-Awtorità iżda sussegwentement miċħuda mill-bank? Fejn applikazzjoni għandha aktar minn raġuni waħda, jista' jiċċara dan sabiex jiġu evitati kalkulazzjonijiet doppji?

22/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 28
27/10/2026

TAX RATE FOR INCOME FROM SPORTS ACTIVITIES – INVESTIGAZZJONI

4124. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3597, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet fejn saret investigazzjoni mill-Kummissarju għat-Taxxi Interni fuq xi tip ta' abbuż rigward Tax Rate for Income from Sports Activities, mill-bidu tal-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi r-rata mnaqqsa ta' taxxa fir-rigward ta' dħul minn attivitajiet sportivi taħt l-Income from Sports Activities Rules, 2024 bdiet tapplika mis-sena ta' stima 2025.

Rigward l-aħħar parti tal-mistoqsija, nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 3597

Seduta Numru 28
27/10/2026

BIRŻEBBUĠA – KONKOS FI TREJQA

4125. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3595, jista' l-Ministru jgħid jekk is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għamilx l-investigazzjonijiet imsemmija fit-tweġiba dwar konkos li sar fi trejqa qrib id-Dar ta' Pultu, fil-limiti ta' Birżebbuġa? Jekk iva, jista' jgħid x'kien ir-riżultat u/jew x'azzjoni ttieħdet u/jew ser tittieħed?

22/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onorevoli Intepellant li ġejt infurmat li uffiċjali tas-Sovrintendenza spezzjonaw is-sit kif mitlub u rriżulta li fil-bidu tal-heritage trail li jagħti għal ħdejn Dar Pultu, ġie mqiegħed pavimentar, inkluż rampa.

Seduta Numru 28
27/10/2026

SKEMA TA' SELF SOĊJALI – MEDJA U MEDJAN

4126. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3215 u 3622 u jgħid, għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli, għall-każijiet konklużi taħt l-Iskema tas-Self Soċjali, x'kienu l-medja u l-medjan tal-prezz tal-proprjetà, tal-ammont tas-self, u tas-sussidju ta' kull xahar approvat?

22/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tabella 1 li qegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

(Korrezzjoni: Ara Dokument PL 488 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 29 tat-28 ta' Ottubru 2026)

Seduta Numru 28
27/10/2026

MITA - SIGURTÀ IDENTIFIKATI FIL-PHP - SISTEMI

4138. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Malta Information Technology Agency (MITA) identifikatx sistemi tal-Gvern li kienu vulnerabbli fid-dawl tal-vulnerabbiltajiet ta' sigurtà identifikati fil-PHP? Jekk iva, jista' jgħid liema kienu dawn is-sistemi u x'miżuri ttieħdu jew qed jittieħdu sabiex jiġu indirizzati dawn il-vulnerabbiltajiet?

22/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-MITA identifikat sistemi tal-Gvern taħt il-ġestjoni tagħha li setgħu kienu affettwati mill-vulnerabbiltajiet inkwistjoni, u minnufih bdiet il-valutazzjoni meħtieġa u ħadet il-miżuri korrettivi xierqa. Sal-lum, ma hemm l-ebda evidenza li dawn il-vulnerabbiltajiet irriżultaw fil-kompromess tas-sistemi tal-Gvern taħt il-ġestjoni tal-MITA.

Seduta Numru 28
27/10/2026

MITA - SIGURTÀ IDENTIFIKATI FIL-PHP - SISTEMI INFORMATIĊI

4139. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'passi ħadet jew qed tieħu l-Malta Information Technology Agency (MITA) sabiex tiżgura li l-Ministeri, id-Dipartimenti, l-entitajiet u awtoritajiet li għandhom sistemi informatiċi li mhumiex amministrati direttament mill-MITA jwettqu l-verifiki neċessarji biex jiġi stabbilit jekk dawn is-sistemi humiex affettwati mill-vulnerabbiltajiet ta' sigurtà identifikati fil-PHP? Jista' jgħid ukoll jekk il-MITA hijiex qed tivverifika li dawn il-verifiki u l-miżuri neċessarji jkunu effettivament twettqu?

22/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li, fir-rigward tal-Ministeri, id-Dipartimenti, l-entitajiet u l-awtoritajiet li għandhom sistemi informatiċi li mhumiex amministrati direttament mill-MITA, l-MITA qed tiffaċilita t-tixrid tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni mas-sidien rispettivi tas-sistemi, sabiex tappoġġa l-valutazzjoni meħtieġa u l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi xierqa.

Seduta Numru 28
27/10/2026

SERVIZZ PUBBLIKU - REKLUTAĠĠ - VERIFIKA TAL-PROĊESSI

4140. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid f'liema Ministeri u dipartimenti ġew identifikati l-404 ksur jew irregolarità waqt il-135 verifika tal-proċessi ta' reklutaġġ fis-Servizz Pubbliku, kif jirriżulta mir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għas-sena 2025? Jista' jagħti rendikont tan-numru ta' ksur jew irregolaritajiet identifikati f'kull Ministeru u Dipartiment?

22/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor Interpellant għar-rapport msemmi li diġa tpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

BORDIJIET U KUMITATI MAĦTURA MILL-GVERN - REMUNERAZZJONI

4141. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid liema kienu l-bordijiet u l-kumitati maħtura mill-Gvern li skont l-informazzjoni li l-Uffiċċju tal-Kabinett ta lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, matul is-sena 2023 ma kellhom l-ebda laqgħa formali, iżda li l-membri tagħhom xorta waħda rċevew remunerazzjoni, kif jirriżulta mir-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika dwar ir-remunerazzjoni tal-bordijiet u l-kumitati maħtura mill-Gvern?

22/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Uffiċċju tal-Kabinett ma jżommx informazzjoni dwar l-ammont ta' laqgħat ta' bordijiet u kumitati li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' ministeri differenti.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IRKUPRU TA' REMUNERAZZJONI MĦALLSA LILL-MEMBRI TAL-BORDIJIET U KUMITATI MAĦTURA MILL-GVERN

4142. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern ħax xi passi sabiex jirkupra r-remunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-bordijiet u l-kumitati msemmija fir-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika li matul is-sena 2023 ma kellhom l-ebda laqgħa formali? Jekk iva, jista' jgħid x'passi ttieħdu u kemm flus ġew irkuprati sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jekk le, jista' jispjega għaliex ma ttieħdu l-ebda passi f'dan ir-rigward?

22/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Il-Gvern indirizza l-kummenti kollha li ħarġu mir-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, inkluż istanzi fejn (i) membri ta' bordijiet u kumitat baqgħu jitħallsu b'rati qodma tal-2016, jew (ii) deputy chairpersons li tħallsu ammont anqas minn dak li kien dovut lilhom skont il-Manwal. F'Lulju 2026 il-Gvern ippubblika l-verżjoni aġġornata tal-*Manual for government appointed board and committees* u l-Kodiċi tal-Etika relatati. Dawn il-linji gwida ġew imsaħħa sabiex, fost oħrajn:

i. Il-ministeri jkunu jistgħu jwaqqfu l-ħlasijiet lill-membri ta' bordijiet u kumitati f'każ li dawn ma jiltaqgħux għal perjodu ta' tliet xhur.

ii. Jenfasizza li l-attendenza għal-laqgħat hija mandatorja, ħlief f'każ ta' mard. Il-bordijiet jistgħu jirregolaw il-proċedura tagħhom u jippermettu li membru jipparteċipa online biss f'każ ta' safar.

Ir-reviżjoni tal-Manwal u l-Kodiċi tal-Etika saret wara li f'Marzu 2026 tlesta l-proċess ta' kategorizzazzjoni u klassifikazzjoni tal-bordijiet u l-kumitati kollha tal-Gvern. Kopja ta' dan il-Manwal tqegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra fit-22 ta' Lulju 2026. Il-progress li sar ġie nnotat ukoll fir-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika li jsemmi:
Regarding NAO's recommended exercise for Ministries to identify those Boards and Committees which are still not categorised and classified, but with at least one remunerated member, in the Cabinet Office's feedback it was stated that by March 2026 it had concluded the categorisation, classification and determination of remuneration levels of all Government-appointed bodies.
Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tar-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jirreferu għal parti oħra ta' dan l-eżerċizzju ta' konsolidament li sar fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika. Fil-fatt sa Marzu 2026 tneħħew ammont ta' bordijiet u kumitati li ma kienx għad hemm bżonnhom jew li l-funzjoni tagħhom ġiet assorbita minn bordijiet jew kumitati oħra:
In August 2026, NAO was informed by the Cabinet Office of the number of Government appointed bodies that had been struck off from the list of operational ones. This following a process that was initiated in 2023 to update records, consolidate the work of existing Boards and Committees and cancel those that were no longer necessary, which could contribute to a reduction in expenses.

Seduta Numru 28
27/10/2026

TCNS - PERMESSI ĠODDA TA' RESIDENZA

4143. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3300 u 3517 u jgħid kemm inħarġu permessi ġodda ta' residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) matul is-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi huma dawn l-individwi u kemm inħarġu permessi ġodda ta' residenza lil ċittadini ta' kull pajjiż?

22/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IS-SWIEQI – RAPPORTI DWAR STORBJU, VANDALIŻMU U MĠIBA ANTISOĊJALI

4169. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1949 u jgħid kemm-il rapport dwar storbju, vandaliżmu, imġiba antisoċjali u disturbi għall-kwiet pubbliku ġew irreġistrati fil-lokalità tas-Swieqi matul l-aħħar sentejn u jekk hemmx pjan ta' tisħiħ tal-infurzar għal din il-lokalità?

23/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li d-dettalji tar-rapporti rreġistrati fis-sistema elettronika tal-Korp tal-Pulizija dwar storbju, vandaliżmu u disturbi għall-ordni pubbliku jinsabu fit-Tabella A. Dawn il-figuri ma jinkludux każijiet li jiġu indirizzati mill-Pulizija waqt ir-rondi jew permezz ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni, fejn tittieħed azzjoni immedjata kif meħtieġ.
Fir-rigward tal-kumplament tal-mistoqsija nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-risposta mogħtija f'domanda parlamentari Nru. 3244

Tabella 'A':Ksur ta' paċi u ordni pubblika Swieqi fis-snin 2024, 2025 and 2026 sa 22/10/2026 irreġistrati fin-NPS

Kategorija	Sub-kategorija	Swieqi		
		2024	2025	2026
Ksur ta' paċi u ordni pubblika	Annimali	0	2	1
	Argumenti	6	5	11
	Mużika għolja	1	14	10
	Ħsejjes waqt kostruzzjoni	0	1	2

Seduta Numru 28
27/10/2026

KUNSILLI LOKALI – ŻIEDA FIS-SETGĦAT U R-RIŻORSI

4170. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1954, tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern għandux pjan konkret sabiex isaħħaħ is-setgħat u r-riżorsi tal-Kunsilli Lokali fil-qasam tal-infurzar, inkluż permezz ta' aktar uffiċjali tal-infurzar, taħriġ speċjalizzat jew mezzi oħra, u jekk iva, x'inhuma l-miżuri previsti u meta huwa mistenni li jiġu implimentati?

23/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li f'dan l-istadju qed isir il-koordinament ma' numru ta' entitajiet.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IS-SWIEQI – SINJALI TAT-TRAFFIKU MWAQQGĦIN JEW BIL-ĦSARA

4171. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1955, jista' l-Ministru jgħid jekk fil-perjodu bejn it-22 ta' Ottubru 2024 u t-22 ta' Ottubru 2026, Transport Malta kinitx infurmata dwar każijiet ta' sinjali tat-traffiku mwaqqgħin jew bil-ħsara fil-lokalità tas-Swieqi? Jista' jgħid ukoll kemm ġew irreġistrati rapporti u f'kull każ kemm damu biex jissewwew jew jiġu sostitwiti?

23/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninform lill-Onor. Ineterpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IS-SWIEQI – MIŻURI

4172. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1956 li oriġinarjament saret lill-Prim Ministru u jelenka l-miżuri li l-Gvern implimenta jew għandu l-ħsieb jimplimenta sabiex jindirizza l-isfidi relatati mal-indafa, l-infurzar, il-vandaliżmu, l-imġiba antisoċjali u l-preservazzjoni tal-karattru residenzjali tal-lokalità tas-Swieqi?

23/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li, matul l-aħħar xhur, ittieħdu numru ta' inizjattivi biex jissaħħu s-sigurtà u l-ordni pubbliku fis-Swieqi permezz ta' koordinazzjoni bejn il-Korp tal-Pulizija, LESA, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), il-Forzi Armati ta' Malta (AFM) u l-Kunsill Lokali. Dawn inkludew iż-żieda ta' rondi preventivi u infurzar immirat, inkluż matul il-ħinijiet ta' billejl.
Sar ukoll monitoraġġ u spezzjonijiet fuq proprjetajiet short-let, filwaqt li l-kollaborazzjoni mar-residenti u s-sistema ta' sorveljanza fiż-żona komplew jikkontribwixxu għaż-żamma tal-ordni pubbliku u l-indirizzar ta' każijiet ta' mġiba antisoċjali.

Seduta Numru 28
27/10/2026

IS-SIĠĠIEWI – TRIQ MANWEL BONNICI – ENEMALTA – TISWIJA TA' LAMPA TAT-TRIQ

4180. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex waslet it-tiswija tal-lampa tat-triq (street lighting) bin-numru ta' notifika tal-Enemalta 304690791 fi Triq Manwel Bonnici, is-Siġġiewi?

23/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li t-tiswija fuq il-lampa li qed issir referenza għaliha saret. Persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Enemalta jistgħu jċemplu fuq 8000 2224 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku enemalta.com.mt

Seduta Numru 28
27/10/2026

IS-SIĠĠIEWI – TRIQ TAL-ĦARRUBA – ENEMALTA – TISWIJA TA' LAMPA TAT-TRIQ

4181. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex waslet it-tiswija tal-lampa tat-triq (street lighting) bin-numru ta' notifika tal-Enemalta 304694672 fi Triq tal-Ħarruba, is-Siġġiewi?

23/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li t-tiswija fuq il-lampa li qed issir referenza għaliha saret. Persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Enemalta jistgħu jċemplu fuq 8000 2224 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku enemalta.com.mt

Seduta Numru 28
27/10/2026

IS-SIĠĠIEWI – TRIQ DUN MANWEL ZAMMIT – ENEMALTA – TISWIJA TA' LAMPA TAT-TRIQ

4182. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex waslet it-tiswija tal-lampa tat-triq (street lighting) bin-numru ta' notifika tal-Enemalta 304634893 fi Triq Dun Manwel Zammit, is-Siġġiewi?

23/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li t-tiswija fuq il-lampa li qed issir referenza għaliha saret. Persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Enemalta jistgħu jċemplu fuq 8000 2224 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku enemalta.com.mt

Seduta Numru 28
27/10/2026

IS-SIĠĠIEWI – TRIQ KARMENU BONELLO – ENEMALTA – TISWIJA TA' LAMPA TAT-TRIQ

4183. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex waslet it-tiswija tal-lampa tat-triq (street lighting) bin-numru ta' notifika tal-Enemalta 304632614 fi Triq Karmenu Bonello, is-Siġġiewi?

23/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li n-numru tan-notifika provdut f'din il-mistoqsija ma jikkorrispondix mal-ebda lampa fi Triq Karmenu Bonello, iżda ma' lampa li tinsab fi Triq Nikol Azzopardi u li dwarha l-aħħar li kien hemm talba biex din tqabbdet mal-provvista lura f'Awwissu li għadda.
Persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Enemalta jistgħu jċemplu fuq 8000 2224 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku enemalta.com.mt

Seduta Numru 28
27/10/2026

TRIQ TAL-BARRANI – XOGĦLIJIET FIL-JUNCTION LI TAGĦTI GĦAŻ-ŻEJTUN, ĦAL GĦAXAQ U BIRŻEBBUĠA

4184. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet se jsiru f'Triq tal-Barrani fil-junction li tagħti għaż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Birżebbuġa? Jista' jgħid ukoll meta se jsiru dawn ix-xogħlijiet, kemm se jdumu, jekk inħarġitx sejħa għall-offerti u jekk ġewx ikkonsultati l-Kunsilli Lokali taż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Ħal Tarxien?

23/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026

INFRASTRUCTURE MALTA – TQEGĦID TA' SINJALI TAT-TRAFFIKU ĠODDA – NEFQA

4185. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefqet flus Infrastructure Malta fit-tqegħid ta' sinjali tat-traffiku ġodda matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

23/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 28
27/10/2026